

Brussell, 22 ta' April 2024  
(OR. en)

8986/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0229(NLE)

---

---

JAI 644  
FRONT 124  
VISA 54  
SIRIS 21

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu 2021 sa 2027 - Adozzjoni

---

1. Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, kif ukoll id-direttivi ta' negozjati.
2. L-għan tal-ftehim huwa li jistipula l-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021-2027 u dwar ir-regoli supplementari meħtieġa għal din il-parteċipazzjoni.

3. In-negozjati ġew iffinalizzati b'suċċess mill-Kummissjoni u mill-Konfederazzjoni Żvizzera. Fl-10 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim<sup>1</sup>. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar il-proposti f'laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI (Fruntieri) fl-24 ta' Lulju 2023. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar ġiet adottata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2023 u l-Ftehim ġie ffirmat fit-28 ta' Novembru 2023 fi Brussell, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
4. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta d-Deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill ippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif ukoll it-test tal-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
6. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE<sup>2</sup>; għalhekk l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
7. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

---

<sup>1</sup> 11758/23 + ADD 1 u 11760/23 + ADD 1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

8. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim<sup>3</sup> u ta struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill:
  - a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 12122/23 iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, u
  - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq u t-test tal-Ftehim jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

---

---

<sup>3</sup> P9\_TA(2024)0215